MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 261/2005

Carmelo Galea
vs
Terrence Zammit u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2005 Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Terrence Zammit u b'nota tal-1 ta' Gunju 2005 Philip Zammit accetta l-bandu ghan-nom ta' Terrence Zammit, u Kevin Zammit

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Illi l-konvenuti solidalment bejniethom kellhom jaghtu lill-attur is-somma komplessiva ta' sebgha u tletin elf u tliet mija u erbghin Lira Maltin (Lm37,340), skond skrittura privata datata 9 ta''Gunju, 2004 annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok "A";

Illi ghalkemm il-konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu lill-attur is-somma komplessiva fuq indikata, anke b'ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar, 2005 il-konvenuti xorta kienu baqghu inadempjenti;

Illi fil-fehma tal-attur, dan id-dejn kien veru, cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma kellhomx oggezzjonijiet xi jgibu ghat-talba ghall-hlas tal-attur;

Illi ghaldaqshekk, l-attur kien igawdi mid-dritt li jipprocedi kontra l-konvenuti bi procediment sommarju specjali kif provvdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt kien qed jaghmel;

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' sebgha u tletin elf u tliet mija u erbghin Lira Maltin (Lm37340) skond skrittura privata datata 9 ta' Gunju, 2004 annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok "A".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar, 2005 (Dok B) u tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni prezentati kontestwalment mal-procedura odjerna u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li eccepew:

Illi huma ma kienu jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk kienu rriservaw id-dritt li jressqu aktar eccezzjonijiet ‘il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur li fiha semma li l-konvenuti solidalment bejniethom kellhom jaghtuh is-somma komplessiva ta’ sebgha u tletin elf u tliet mija u erbghin Lira Maltin (Lm37,340), skond skrittura privata datata 9 ta’’Gunju, 2004. Ghalkemm il-konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsuh, anke b’ittra ufficjali datata 18 ta’ Jannar, 2005 il-konvenuti xorta kienu baqghu inadempjenti. Fil-fehma tieghu dan id-dejn kien veru, cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma kellhomx oggezzjonijiet xi jgibu ghat-talba tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati li fiha semmew li l-fatti tal-kawza mhux maghrufa u ma kellhomx indirizz ta’ Terrence Zammit u ghalhekk ma setghux jigbru t-taghrif mehtieg sabiex it-talbiet attrici jigu kontestati.

Rat in-nota tal-1 ta’ Gunju 1005 li biha Philip Zammit accetta l-bandu ghan-nom ta’ Terrence Zammit.

Rat illi llum giet prezentata nota ta’ ammissjoni ta’ Philip Zammit bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Terrence Zammit, u Kevin Zammit.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti qed tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-

artikolu 167 ***et sequitur*** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' sebgha u tletin elf u tliet mija u erbghin Lira Maltin (Lm37340) skond skrittura privata datata 9 ta' Gunju, 2004.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------